# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2024.**

**Numru: 3**

**Rikors numru: 844/22/1**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**v.**

**Tipbet Limited (C-63741)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-Kummissarju tat-Taxxi kontra provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tiegħu ċaħdet parti mit-talba magħmula taħt id-**Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra** trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-**Liġi Sussidjarja 460.08** "L-Ordni dwar l-Assistenza

Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra".

**Daħla**

2. Fit-8 ta' Diċembru, 2021 l-awtorità fiskali Tedeska, **Finanzamt Frankfurt am Main IV, (l-Awtorità Applikanti)** talbet lill-**Kummissarju tat-Taxxi** Malti **(Il-Kummisarju** jew **l-Awtorità Rikjesta)** sabiex għan-nom tagħha jiġbor mingħand is-soċjetà konvenuta **Tipbet Limited (is-soċjetà Konvenuta** jew **il-Konvenuta**), soċjetà Maltija b'uffiċju reġistrat ġewwa l-Gżira, is-somma globali ta' miljun, mija u wieħed u erbgħin elf, tnejn u ħamsin ewro u sittin ċenteżmu (€1,141,052.60) rappreżentanti taxxa fuq id-dħul li l-awtorità fiskali Tedeska qed tirreklama kontra l-Konvenuta għas-snin 2014 - 2018.[1] Din it-talba saret *tramite* trasmissjoni lill-Kummisarju ta' l-hekk imsejjaħ "***Uniform Instrument Permitting Enforcement"*** maħruġ bis-saħħa tad-**Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra tas-16 ta' Marzu, 2010 (Id-Direttiva)**.

[1] Claim 1 sa Claim 40; kull 'claim' tirrappreżenta xahar bi Claim 1 tkopri t-taxxa reklamata għax-xahar ta' Ottubru 2014 filwaqt li Claim 40 tkopri t-taxxa reklamata għax-xahar ta' Jannar 2018, u dawk bejniethom jirrappreżentaw 38 xahar rispettiv.

3. Din id-Direttiva Ewropea ġiet trasposta fil-liġi Maltija bis-saħħa tal-Avviż Legali numru 153 tas-sena 2012 li b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 daħħal fis-seħħ il-**Liġi Sussidjarja numru 460.08** intitolata **"L-Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma'Taxxi, Dazji u Miżuri oħra"**.

4. B'rikors tad-19 ta' Settembru, 2022 il-Kummissarju talab lill-**Qorti Ċivili, Prim'Awla (l-Ewwel Qorti)** "sabiex ai termini tas-sub-artikoli 9 (6) u (7) tal-Avviz Legali numru 153 tas-sena 2012 fl-ewwel lok tordna li kopja tar-rikors flimkien mad-dokumenti miegħu annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B', jiġu notifikati lill-kumpanija intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok.'A' bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv."

5. B'digriet tas-26 ta' Settembru, 2022 l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba, ordnat in-notifika tar-rikors u tad-dokumenti annessi ie. l-Istrumenti Uniformi għall-Inforzar riċevuti mingħand l-awtorità fiskali Tedeska lill-konvenuta filwaqt li appuntat ir-rikors għas-smigħ dwar it-tieni talba. Kopja tar-rikors u tad-dokumenti kollha annessi miegħu ġew notifkati lis-soċjetà konvenuta fit-18 ta' Ottubru, 2022.[2]

[2] Ara riferta *a tergo* ta' fol. 92

6. B'risposta tal-15 ta' Novembru, 2022 is-soċjetà konvenuta opponiet ir-rikors billi resqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Fl-ewwel lok, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda in kwantu l-Kummissarju tat-Taxxi ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jippromuovi dawn il-proċeduri.
>
> 2. Fit-tieni lok, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda in kwantu l-istrument Uniformi li jippermetti Infurzar mehmuż mar-rikors odjern huwa invalidu.
>
> 3. Fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, dawn il-miżuri ta' rkupru għandhom jiġu sospiżi jew jitwaqqfu sakemm tintemm kull proċedura ta' ftehim reċiproku mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru applikant, in kwantu l-eżitu tal-imsemmija proċedura jista' jaffettwa t-talba li għaliha ġiet mitluba l-assistenza.
>
> 4. Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda stante li l-awtorità rikjesta kellha, u għandha tirrifjuta li tassisti lill-awtorità applikanti għall-irkupru tat-talba f'Malta, in kwantu it-talba jew l-istrument li jippermettu l-infurzar tagħhom ġew kontestati fl-Istat Membru applikant u l-awtorità applikanti ma talbitx speċifikament l-irkupru tat-talba kontestata jew parti minnha.
>
> 5. Fil-ħames lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda stante li l-awtorità rikjesta kellha, u għandha, tirrifjuta li tassisti lill-awtorità applikanti għall-irkupru tat-talba f'Malta, in kwantu l-awtorità applikanti ma eżawrietx ir-rimedji proċedurali kollha fl-Istat Membru tagħha.
>
> 6. Fis-sitt lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda stante li l-awtorità rikjesta kellha, u għandha, tirrifjuta li tassisti lill-awtorità applikanti, in kwantu t-talba għall-assistenza għandha x'taqsam ma' talba li kienet dovuta fl-Istat Membru applikant ħames snin qabel id-data tat-talba inizjali.
>
> 7. Fis-seba' lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jiġu miċħuda stante li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tkun sodisfatta 'lli ġew imħarsa r-rekwiżiti rilevanti kollha tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010."

7. Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023, *in vista* tar-raba' eċċezzjoni, l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex sal-aħħar ta' dak ix-xahar tippreżenta

"d-dokumenti li jindikaw ċar li l-ammont li qed jiġi imfittex hawn Malta qed jiġi kkontestat fl-istat ta' oriġini tat-taxxa". Sakemm ġie fi tmiemu s-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti l-konvenuta baqgħet ma ppreżentat l-ebda provi. Min-naħa tiegħu il-Kummissarju ressaq xhud, bil-karikga ta' manager Il fis-sezzjoni tal-ġbir, li permezz ta' affidavit datat 14 ta' Ġunju, 2023 ikkonferma t-talba li kienu rċevew mill-awtorità fiskali Ġermaniża skont id-dokumenti annessi mar-rikors promotur. Fost l-oħrajn xehed illi "... tali dejn għadu dovut lil tali awtorità sallum, u meta saret ir-rikjesta l-awtorità Tedeska kkonfermat illi dan id-dejn huwa wieħed mhux kontestat u li lanqas jista' jiġi kkontestat ġewwa l-Ġermanja."

8. B'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2023 l-Ewwel Qorti iddeċidiet ir-rikors tal-Kummissarju billi laqgħet it-talba "**limitatament però għal dawk l-ammonti risultanti mid-dokumenti li jinsabu minn fol 36 sa 84 u għalhekk qed tordna r-reġistrazzjoni tad-Dok A limitatament għall-ammont li qed jintalbu f'dawn id-dokumenti".**

9. Il-Kummissarju ħassu aggravat b'dik is-sentenza li permezz tagħha, filwaqt li laqgħet it-talba referibbli għas-snin 2016-2018, ċaħditha sa fejn tirrigwarda s-snin 2014-2015. Kien għalhekk li l-Kummissarju interpona appell minnha permezz ta' rikors intavolat fl-10 ta' Novembru, 2023 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti "tilqa' l-appell tiegħu bl-aggravji imressqa minnu, billi tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn ġie

ordnat ir-reġistrazzjoni ta' parti mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok. A bħala titolu eżekuttiv, kif ukoll tvarja l-istess sentenza bl-effett li tordna r-reġistrazzjoni tal-istess Dok. A fl-intier tiegħu bħala titolu eżekuttiv."

10. Ir-rikors tal-appell, wara diversi tentattivi bla suċċess, ġie notifikat lill-konvenuta permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, li min-naħa tagħha ma ppreżentatx risposta.

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-Aggravji.**

12. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-Kummissarju jgħid illi s-sentenza appellata hija żbaljata peress li applikat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Ewropea 2010/24EU u mhux tal-Avviż Legali numru 153 tas-sena 2012 li permezz tagħha d-Direttiva ġiet trasposta fil-leġislazzjoni Maltija. Jgħid illi l-Ewwel Qorti ma setgħatx timmotiva l-konsiderazzjonijiet tagħha abbażi tad-Direttiva *ad* esklużjoni tal-liġi Maltija li kellha tiġi applikata. Jgħid illi l-obbligi tiegħu jemerġu mil-liġi nazzjonali u mhux mill-Artikolu 18 tad-Direttiva.

13. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> mressaq mingħajr preġudizzju għall-ewwel wieħed, jgħid illi l-Ewwel Qorti interpretat ħażin l-obbligazzjoni li għandu l-Kummissarju sabiex jassisti lill-Awtorità Applikanti fit-talba tagħha taħt id-Direttiva Ewropea 2010/24EU. Jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda referenza għall-Artikolu 13 tal-Liġi Sussidjarja 460.08 li tagħti l-fakultà lill-Kummisarju li jista' jirrifjuta li jagħti assistenza lill-Awtorità Rikjedenti meta tinħareġ Talba Inizjali wara ħames snin mid-data ta' meta talba hija dovuta. Jgħid illi dak it-terminu ma jiddekorrix meta t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-istat Membru applikant huma kkontestati. Jinsisti illi d-data meta ġiet stabbilita l-*claim* għal kull sena kienet it-28 ta' Ġunju, 2021 u mhux, kif qalet l-Ewwel Qorti, is-snin li għalihom kienet tirreferi t-talba. Jgħid illi ġialadarba l-Istrument Uniformi li Jippermetti Infurzar indika d-data tat-28 ta' Ġunju, 2021 bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-*claim* mill-awtoritajiet Tedeski, l-ebda ħames snin ma kienu għadhom għaddew. Jgħid illi anke li kieku laħqu għaddew il-ħames snin, tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju jekk jassistiex jew le lill-Awtorità applikanti. Jgħid illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħatx tirrifjuta ir-reġistrazzjoni tal-Istrument Uniformi referibbli għas-snin 2014-2015.

14. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-Kummissarju jgħid illi s-sentenza appellata hija nulla. Jgħid illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet lil hinn minn dak

mitlub fir-rikors promotur kif ukoll li marret *oltre* l-ġurisdizzjoni li tagħtiha l-liġi. Jgħid illi skont is-sub artikolu 9 (6) u 9 (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 il-kompetenza tal-Qorti hi li tordna li kopja tar-rikors u tad-dokument jiġu notifikati lid-debitur kif ukoll li tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument in kwistjoni sabiex id-dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Jgħid illi l-Ewwel Qorti iddeċidiet li teskludi s-snin 2014 u 2015 milli jifformaw parti mill-ordni għar-reġistrazzjoni għaliex qieset li kien stramb li d-data tal-"establisment of the claim" kienet l-istess għas-snin kollha; u li għaliex għall-Ewwel Qorti kien stramb allura kkonkludiet li ma kinitx veritiera. Jgħid illi fil-kamp fiskali spiss jiġri illi f'data partikolari joħorġu *assessements* fuq numru ta' snin meta *taxpayer* ma jkun għamel l-ebda dikjarazzjoni ta' dħul. Jirreferi għal dokument li huwa irċeva mingħand l-Awtorità Tedeska fil-11 ta' Ottubru, 2023, lejliet id-data tas-sentenza appellata. F'dan id-dokument jingħad illi fis-6 ta' Awwissu, 2021 il-Konvenuta kienet ikkontestat quddiem il-*Hessian Tax Court* it-taxxa reklamata mill-awtoritjiet fiskali tedeski mertu ta' dawn il-proċeduri liema azzjoni ġiet minnha ċeduta fil-11 ta' Jannar, 2023. Jingħad ukoll f'dan id-dokument illi:

> "The tax was not assessed until 2021, as the company violated its filing obligations, so that estimates were necessary."

15. Jagħlaq billi jgħid illi s-soċjetà konvenuta Tipbet Limited ma ppreżentat l-ebda xhieda matul is-smigħ u għalhekk qatt ma tat ħjiel li kienet irtirat il-kontestazzjoni tagħha quddiem l-awtorità ġudizzjarja fil-

Ġermanja. Jgħid illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta qatt ma ġew ippruvati u qatt ma uriet għaliex il-Kummissarju kellu jirrifjuta t-talba għall-assistenza mertu tar-rikors.

**Ikkunsidrat;**

16. Għalkemm imressqa bħala t-tielet aggravju, l-impunjazzjoni tad-deċiżjoni appellata fuq il-pretest li hija "sentenza nulla" loġikament għandha tiġi trattata l-ewwel għaliex jekk tali aggravju jirriżulta fondat ma jkunx hemm ħtieġa li jiġu investiti wkoll l-aggravji l-oħra.

17. Il-Kummissarju jattakka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti bħala nulla għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok jgħid li hija "sentenza" nulla peress li "ddeċidiet lil hinn minn dak mitlub" ie. "ultra petita"; fit-tieni lok jgħid li hija "sentenza" nulla peress li "marret oltre l-ġurisdizzjoni li tagħtiha l-liġi".

18. Ngħaddu issa sabiex naraw jekk hux minnu dak pretiż mill-Kummissarju appellant illi s-sentenza appellata hija nulla għaliex skont l-appellant marret lil hinn minn dak mitlub. Mod ieħor, l-aggravju skont l-appellant hu li s-sentenza attakkata hija *ultra petita*, u ċjoè li tat aktar minn dak mitlub; distint dan l-aggravju minn dak ta' l-*extra petita* fejn sentenza tiġi attakkata fuq il-pretest li jkun ġie deċiż mertu mhux imdaħħal fit-talba.

19. Permezz tar-rikors promotur il-Kummissarju talab lill-Ewwel Qorti (i) tordna li kopja tar-rikors u d-dokumenti annessi jiġu notifikati lis-soċjetà konvenuta; u (ii) tordna r-reġistrazzjoni tad-dokumenti annessi sabiex jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.

20. It-talba għan-notifika tar-rikors u tad-dokumenti ġiet milqugħa fid-digriet tal-appuntament għas-smigħ. Imbagħad ls-sentenza appellata laqgħet it-tieni talba tal-Kummissarju "limitatament" għal dawk l-ammonti riżultanti mid-dokumenti li jinsabu minn fol. 36 sa fol. 84; u għalhekk ċaħditha fil-kumplament. Din il-Qorti tqis l-aggravju ta' "ultra petitum" bħala totalment infondat. Mhux talli l-Ewwel Qorti ma tatx aktar minn dak mitlub iżda ċaħdet parti mit-talba u akkoljiet il-parti l-oħra. Dilungar fuq dan l-aggravju jkun inutili. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi respint.

21. Il-Kummissarju jgħaddi mbagħad biex jattakka s-sentenza appellata billi jgħid li l-Ewwel Qorti "marret oltre l-ġurisdizzjoni tagħha". Skont il-Kummissarju dan seħħ peress li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 tillimita l-kompetenza tal-Qorti għas-segwenti: li "il-Qorti għandha tordna li kopja .... jiġu notifikati..." u li "il-Qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument...". Skont il-Kummissarju, l-Ewwel Qorti kienet prekluża milli tindaga jekk il-Kummissarju kienx ġustifikat li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu wara li jkun irriżultalu t-trapass ta' ħames snin bejn id-data meta t-taxxa kienet dovuta u d-data meta l-Kummissarju

ntalab għall-assistenza mill-awtorità applikanti. Dan l-aggravju ser jiġi trattat mat-tieni aggravju fejn il-Kummissarju jattakka s-sentenza appellata għaliex iqis li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni ħażina tal-obbligi li għandu l-Kummissarju kif jemerġu mid-Direttiva Ewropea u mil-Liġi Sussidjarja Maltija applikabbli.

22. Opportun li qabel xejn naraw il-provvedimenti rilevanti sew fid-Direttiva kif ukoll fil-liġi sussidjarja.

23. Id-**Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet Relatati ma' Taxxi, Dazji u miżuri oħra** tas-16 ta' Marzu, 2010 tipprovdi, kif isimha stess jenunzja, għall-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri għall-irkupru tat-talbiet ta' xulxin u dawk tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti taxxi u miżuri oħrajn bil-għan li tikkontribwixxi għat-tħaddim xieraq tas-suq intern.

24. Id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-miżuri ta' rkupru disponibbli skont il-leġislazzjoni interna tagħhom.[3]

25. L-assistenza reċiproka tista' tikkonsisti f'dan li ġej: (i) l-awtorità rikjesta tista' tforni lill-awtorità applikanti l-informazzjoni li din tal-aħħar

[3] Para 1 u Para 6 tal-Preambolu tad-Direttiva 2010/24/UE

teħtieġ biex tirkupra t-talbiet li jirriżultaw fl-Istat Membru applikanti; (ii) tinnotifika lid-debitur bid-dokumenti kollha marbutin ma' dawn it-talbiet li ġejjin mill-Istat Membru applikanti: (iii) l-awtorità rikjesta tista' wkoll tirkupra, fuq it-talba tal-awtorità applikanti, it-talbiet li jirriżultaw fl-Istat Membru applikanti, jew (iv) tieħu miżuri ta' prekawzjoni biex jiġi ggarantit l-irkupru ta' dawn it-talbiet.[4]

26. Fil-passat problemi ta' rikonoxximent u ta' traduzzjoni ta' strumenti ġejjin minn Stat Membru ieħor irrendew is-sistema ta' assistenza reċiproka ineffiċjenti. Għalhekk, bl-adozzjoni ta' Strument Uniformi din id-Direttiva timmira sabiex tegħleb il-problemi ta' ineffiċjenza riskontrati fil-passat fejn jirrigwarda il-ġbir ta' dejn fiskali dovuti lil Stat Membru fuq assi li jinsabu fi Stat Membru ieħor.

27. Matul il-proċedura tal-irkupru fl-Istat Membru rikjest, it-talba, in-notifika li l-awtoritajiet tal-Istat Membru applikanti jagħmlu jew l-istrument li jawtorizza l-infurzar tagħha jistgħu jiġu kkontestati mill-persuna kkonċernata. <u>Il-persuna kkonċernata għandha tressaq l-azzjoni ta' kontestazzjoni quddiem il-korp kompetenti tal-Istat Membru applikanti u mhux quddiem il-korp kompetenti tal-Istat Membru rikjest.</u> F'tali eventwalità l-awtorità rikjesta għandha tissospendi kwalunkwe proċedura ta' infurzar li hi tkun bdiet sakemm tittieħed deċiżjoni mill-korp kompetenti

[4] Para 7, ibid

tal-Istat Membru applikanti. Iżda ma hemmx obbligu għas-sospensjoni tal-proċeduri minħabba kontestazzjoni fl-eventwalità li l-Istat Membru applikant speċifikatament jitlob lill-Istat Membru rikjest sabiex ma jissospendiex il-proċeduri ta' rkupru u sabiex jipproċedi wkoll fuq l-ammont kontestat. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-awtorità applikanti għandha tiġġustifika it-talba tagħha.

28. It-traspożizzjoni fil-liġi domestika tad-Direttiva Ewropea 2010/24EU seħħet bis-saħħa ta' Avviż Legali numru 153 tas-sena 2012 li permezz tiegħu ġiet promulgata il-**Liġi Sussidjarja 460.08** imsejħa **l-*Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka għall-irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra*** liema ordni għandu jitqies li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.[5]

29. L-għan ta' dan l-Ordni hu li jimplimenta d-Direttiva 2010/24/UE. Xieraq naraw jekk, sa fejn jirrigwarda l-mertu ta' dan l-appell, tali traspożizzjoni kinitx sħiħa jew inkella sarx xi tibdil minn dak li nsibu fid-Direttiva. Dan huwa ta' rilevanza għal dan l-appell għaliex permezz tal-ewwel aggravju l-Kummissarju jilmenta illi l-Ewwel Qorti "applikat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Ewropea 2010/24EU u mhux tal-Avviż Legali numru 153 tas-sena 2012...". Ikompli jgħid illi "... kellhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja nazzjonali, u

[5] Art. 1 (2) L.S. 460.08

mhux tad-Direttiva,kif effettivament sar;" u jkompli jtambar dan il-punt billi jżid illi "... l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt timmotiva l-argumenti tagħha abbażi tad-Direttiva sabiex tasal għall-konklużżjoni tagħha dwar dan il-punt ad esklużjoni tal-liġi Maltija li effettivament kellha tapplika;".

30. Dan l-aggravju huwa manifestament frivolu u infondat.

31. Direttiva tal-Unjoni Ewropea hija waħda minn diversi għamliet ta' atti legali li l-Unjoni Ewropea tista' tadotta. Id-Direttivi Ewropej jinħarġu bis-saħħa tal-**Artikolu 288** tat-**Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat tal-UE)**[6] u jagħmlu parti mil-liġi sekondarja tal-Unjoni. Ladarba adottati fuq livell ewropew, *sta* għall-Istati Membri li jaraw li jiddaħlu fil-liġijiet nazzjonali rispettivi sabiex isiru parti mil-liġi nazzjonali. Għalhekk huwa fil-ġurisdizzjoni rispettiva ta' kull Stat Membru individwali li direttiva tiżviluppa f'liġi nazzjonali u b'hekk jiġi determinat f'kull Stat Membru il-mod kif dik id-direttiva ser tiġi trasposta, applikata u implimentata. Għalkemm direttiva ewropea hija vinkolanti dwar ir-riżultat li tikseb f'dawk l-Istati Membri għal min hija indirizzata; tħalli fis-setgħa

---

[6] **Art. 288 Trattat tal-UE:**
*Biex jeżerċitaw il-kompetenzi ta' l-Unjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jadottaw regolamenti, direttivi, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.*
*Regolament għandu jkollu applikazzjoni ġenerali. Ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.*
*Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.*
*Id-deċiżjoni għandha torbot fl-intier tagħha. Deċiżjoni li tispeċifika lil min hija indirizzata għandha torbot lil dawn biss.*
*Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet ma jkunux vinkolanti.*

ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jagħżlu l-forma u l-metodu kif jiksbu dak ir-riżultat. Il-kriterju għalhekk hu illi l-miżura nazzjonali għandha tissodisfa l-għanijiet stabbiliti mid-direttiva. Fit-terminu stabbilit fid-direttiva kull Stat Membru indirizzat għandu javża lill-Kummissjoni Ewropea bil-miżuri adottati fil-liġi nazzjonali.

32. Fil-prinċipju, direttiva tidħol fis-seħħ fl-Istat Membru ladarba tiġi trasposta u mhux qabel. Madanakollu, i**l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ)** ikkunisdrat illi direttiva li ma hiex trasposta tista' tipproduċi ċerti effetti b'mod dirett meta (i) it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ma saritx fit-terminu stipulat jew saret ħażin; (ii) it-termini tad-direttiva huma mingħajr kundizzjonijiet u suffiċjentement ċari u preċiżi; u (iii) it-termini tad-direttiva jagħtu drittijiet lill-individwu. (ara s-sentenzi tal-QEĠ: **Van Duyn v. Home Office**[7] ; u **Pubblico Ministero v. Tullio Ratti**[8]).

33. Għal dak li hu rilevanti għal dan l-appell, it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2010/24/UE saret bis-saħħa tal-Avviż Legali nru. 153 tas-sena 2012 tant li kien ingħata effett retroattiv.[9]

34. Dwar l-aggravju tal-Kummissarju illi l-Ewwel Qorti applikat id-Direttiva u mhux il-Liġi Sussidjarja, din il-Qorti tibda billi tgħid illi meta

---

[7] Każ nru. 41/74

[8] Każ nru. 148/78

[9] Avviż Legali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Mejju, 2012 li ngħata effett b'seħħ retroattiv mill-1 ta' Jannar 2012.

awtorità nazzjonali ta' Stat Membru tiġi mitluba l-assistenza minn awtorità applikanti ta' Stat Membru ieħor, tali talba tkun qed issir mill-Istat Membru l-ieħor fit-termini tal-għanijiet tad-Direttiva 2010/24/UE u bis-saħħa tal-istess Direttiva. Għalhekk, fir-relazzjoni bejn awtorità applikanti fi Stat Membru u l-awtorità rikjesta fi Stat Membru ieħor, l-obbligi u l-jeddijiet rispettivi jemanu minn dik id-Direttiva Ewropea illi timponi fuq l-Istati Membri l-għanijiet tagħha filwaqt li tagħti sa ċertu punt gwida kif tali direttiva għandha tiġi mplimentata fl-ordinament ġuridiku nazzjonali rispettiv. Fis-sentenza **Maksu- ja Tolliamet v. Heavyinstall OU** mogħtija mill-QEĠ fl-20 ta' Jannar 2021 intqal dwar il-fiduċja reċiproka fil-kuntest tad-Direttiva 2010/24/UE:

> "40. F'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni teleoloġika tad-Direttiva 2010/24, għandu jiġi kkonstatat li din tal-aħħar, filwaqt li taqa' taħt il-qasam tas-suq intern u mhux taħt dak tal-ispazju tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, hija msejsa fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Fil-fatt, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' assistenza reċiproka stabbilita bid-Direttiva 2010/24 tiddependi fuq l-eżistenza ta' tali fiduċja bejn l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, **Donnellan**, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 41)
>
> 41. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar ukoll li kemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri kif ukoll il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa msejjes fuq l-ewwel wieħed minn dawn il-prinċipji, għandhom, fid-dritt tal-Unjoni, importanza fundamentali, sa fejn dawn jippermettu l-ħolqien u ż-żamma ta' spazju mingħajr fruntjieri interni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 40)."

35. Ir-raġunijiet għaliex fuq livell Ewropew jiġu promulgati Direttivi, li ma għandhomx effett dirett fl-istati membri qabel ma jiġu implimentati, u mhux Regolamenti li għandhom effett dirett fl-Istati Membri, l-awturi **Craig**

**u DeBurca** fix-xogħol tagħhom "**EU Law - Text. Cases and Materials**"[10] jagħtu din l-opinjoni:

> "Unlike in the case of regulations or decisions, national implementation of directives is specifically envisaged and considered necessary by the Treaty. The provisions of a directive may represent a compromise which is the result of prolonged negotiations between Member States on a complex matter - often a matter of harmonizing divergent bodies of law in different Member States – and in respect of which certain discretionary options may be left open to the states. Eventual implementation may not and need not be uniform in every Member State, although the actual aim of the directive must be properly secured in each."

36. Sa fejn hu magħruf, ma jirriżultax li l-Kummissjoni Ewropea ħadet passi kontra l-Istat Malti dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva inkwistjoni u għalhekk huwa preżunt *juris tantum* illi l-liġi sussidjarja nazzjonali implimentat korettement u tilħaq l-għanijiet tad-Direttiva.

37. Jibqa' l-fatt però illi filwaqt li l-Awtorità Applikanti fi Stat Membru tibgħat ir-rikjesta tagħha lill-Awtorità Rikjesta fi Stat Membru ieħor bis-saħħa tad-Direttiva 2010/24/UE, l-Awtorità Rikjesta taqdi d-doveri tagħha fil-ġurisdizzjoni nazzjonali bis-saħħa tal-liġi nazzjonali u ċjoè f'dan il-każ bis-saħħa tal-Liġi Sussidjarja 460.08.

38. Dwar l-aggravju tal-Kummissarju li l-Ewwel Qorti applikat id-Direttiva u mhux il-liġi nazzjonali jeħtieġ niflu mhux biss il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, imma wkoll il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-

[10] Oxford University Press – 2nd Edit. paġna 186

Ewwel Qorti. Minn tali stħarriġ jirriżulta illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti iċċitat diversi drabi d-Direttiva. *Ad* eżempju tat bidu għall-konsiderazzjonijiet tagħha billi spjegat li: "Dan huwa rikors magħmul mill-Kummissarju kontra l-intimata abbażi tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE ….".[11] Aktar 'il quddiem jingħad fis-sentenza appellata illi "Għalhekk f'dan ir-rigward ma ssib ebda waħda mir-raġunijiet elenkati f'artiklu 11 tad-direttiva. Di piu', anke li kieku kien hemm kontestazzjoni fl-istat Tedesk, din il-Qorti għandha biex tissospendi din il-proċedura u mhux tarmiha 'l barra, kif bħal donnha tippretendi l-intimata u dan skont dak li jiddisponi l-artikolu 14 (4) tad-Direttiva."

39. Però l-Ewwel Qorti ma waqfitx hemm u kompliet tispjega illi "….. it-talba għar-reġistrazzjoni ta' strument uniformi taħt l-artikolu 9 (5) u (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 huwa biss dak ta' superviżur, għax suppost it-talba tal-awtorità applikanti tkun ġa ġiet mistħarrġa mill-Kummissarju tat-Taxxi bħala l-awtorità kompetenti f'isem il-Ministru għall-Finanzi."[12]

40. Meta mbagħad ikkunsidrat l-eċċezzjoni numru 6 dwar id-dekors tal-perjodu ta' ħames snin, il-konsiderazzjonijiet tagħha kollha jinvokaw provvedimenti tad-Direttiva:

> "8. Kwantu l-perjodu ta' 5 snin, dan jirrigwarda l-ammont li qegħdin jintalbu mill-1 ta' Ottubru 2014 sal-31 ta' Jannar 2018, il-Qorti tfakkar

[11] Paġna 3 tas-sentenza appellata
[12] Paġna 6 tas-sentenza appellata

li l-ammont qieghed jintalab li jkun miġbur abbażi tal-artikolu 10 tad-Direttiva.

9. Issa huwa minnu li l-Artikolu 18 jiddipsoni li "The requested authority shall not be obliged to grant the assistance provided for in Articles 5and 7 to 16, if the initial request for assistance persuant to article 7, 8, 10 or 16 is made in respect of claims which are more than 5 years old, dating from the due date of the claim in the applicant Member State to the date of the initial request for assistance". Minn dan jemergi car, li l-artikolu 10 huwa milqut minn din il-parti tad-Direttiva u li l-ewwel data tad-dejn għas-sena 2014 kienet 28/6/2021 (a' fol 6 para 5 Date of establishment of the Claim).

10. Il-Qorti ssibha stramba ħafna kif id-date of establishment of the claim hija l-istess għas-snin kollha li qed jintalbu. Il-Qorti ma tarax li din hija sitwazzjoni li għandha mis-sewwa, għaliex kieku d-data li minnha kellhom ikunu komputati l-ħames snin kellha tkun meqjusa mit-28 ta' Ġunju 2021 għall-perjodi kollha, allura dan ikun mezz kif jiġu skartati l-ħames snin inkwistjoni li ssemmi d-Direttiva.

11. F'dan ir-rigward il-Qorti trid ukoll tissottolineja, li dawn il-ħames snin ma humiex ta' natura preskrittiva, peress li din tal-aħħar hija trattata f'parti differenti tar-regolament, (recte. direttiva) u li għaliha għandhom japplikaw il-liġijiet tal-pajjiiz li qiegħed jagħmel it-talba u mhux ta' dak li ġie mitlub li jagħti l-assistenza għall-ġbir tat-taxxa. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tħoss li mhux għall-ammonti kollha mitluba għandu jkun hemm assistenza iżda biss għas-snin minn 2016 sas-2018.

12. Fejn ma taqbilx din il-Qorti mal-intimata hu, li jekk din il-Qorti issib li parti mid-dejn ma jistax jingħata assistenza biex jinġabar allura ma tistax tingħata assistenza għal dik il-parti li tista' tinġabar. Fil-fatt il-ġabra parzjali ta' dawn id-djun, għalkemm mhux fl-istess kuntest, hija ravvisabbli f'artikolu 15 tad-Direttiva. Dan jiġri meta jkun hemm xi emenda fit-talbiet tal-Istat li jkun qiegħed jitlob l-assistenza. Talba għall-emenda ma saritx, imma l-istess kejl ta' ġustizzja li din il-Qorti adoperat fil-konfront talintimata, ser jintuża f'dan ir-rigward fil-konfront tal-pajjiż li għamel it-talba għall-assistenza." (sottolinear ta' din il-Qorti).

41. L-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward huwa manifestament infondat għaliex proprju l-Liġi Sussidjarja 460.08 stess li teżiġi li l-Qorti adita għandha tara jekk "ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva" ikunux ġew imħarsa (**Art. 9 (5), L.S. 460.08**). Hawn tapplika perfettament il-massima

legali *Ubi Lex Voluit Dixit*. Ma hemm ħtieġa ta' l-ebda interpretazzjoni straordinarja għaliex il-kliem tal-liġi sussidjarja huwa ċarissimu. Kif korrettement għamlet l-Ewwel Qorti, l-kompitu tal-qorti f'azzjonijiet ta' din ix-xorta huwa li tevalwa jekk ir-rekwiżiti tad-Direttiva ġewx sodisfatti u fl-istess ħin tapplika sa fejn ikun meħtieġ il-provvedimenti tal-liġi sussidjarja.

**42. Għaldaqstant tqis dan l-aggravju infondat u qed jiġi riġettat.**

43. Din il-Qorti sejra issa tikkonsidra jekk l-Ewwel Qorti applikatx korrettement ir-rekwiżiti tad-Direttiva, l-eżerċizzju ġudizzjarju rikjest espliċitament mil-liġi sussidjarja Maltija.

44. Peress li fl-appell tiegħu il-Kummissarju donnu jagħti x'jifhem li hemm xi konflitt bejn dak li tipprovdi d-Direttiva u dak li tipprovdi l-liġi sussidjarja, ma jkunx barra minn floku illi nikkumparaw il-provvedimenti rilevanti għal dan l-appell.

45. Skont il-<u>liġi sussidjarja</u> talba minn awtorità applikanti lill-awtorità rikjesta Maltija għall-irkupru ta' talba li hija suġġetta għal strument li jippermetti infurzar fl-Istat Membru applikant, flimkien mal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar, għandha ssir fuq il-formoli standard previsti taħt ir-Raba' u l-Ħames Skeda rispettivament. L-istrument uniformi li l-awtorità applikanti Tedeska bagħtet lill-awtorità rikjesta Maltija

huwa konformi mal-Ħames Skeda tal-liġi sussidjarja deskritt fil-liġi Maltija bħala "Strument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-iStat Membru Rikjest". Il-Ħames Skeda hija riproduzzjoni fidila tal-iskeda li tinstab mad-Direttiva.

46. Meta tirċievi rikjesta għall-irkupru ta' taxxa l-awtorità rikjesta Maltija għandha tikkunsidra t-talba bħala dejn li jinqala' f'Malta, u għandha tapplika l-proċedura dwar l-irkupru tal-istess dejn f'Malta. (**Art. 9 (3) L.S. 460.08**). Traspożizzjoni fil-liġi sussidjarja ta' Artikolu 13[13] (1) tad-Direttiva li jipprovdi illi "Għall-fini tal-irkupru fl-Istat Membru rikjest, kwalunkwe talba li għaliha tkun saret rikjesta għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba tal-Istat Membru rikjest, għajr fejn huwa pprovdut mod ieħor f'din id-Direttiva. L-awtorità rikjesta għandha tagħmel użu mis-setgħat u l-proċeduri pprovduti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membru rikjest li japplikaw għal talbiet li jikkonċernaw l-istess taxxa jew dazju, jew fin-nuqqas ta' dawn, taxxi jew dazji simili, għajr fejn huwa pprovdut mod ieħor f'din id-Direttiva."

47. Skont **Artikolu 9 (4) tal-Liġi Sussidjarja 460.08** l-awtorità rikjesta Maltija tista' tirrifjuta li tassisti l-awtorità applikanti għall-irkupru ta' talba f'Malta, (a) jekk it-talba jew l-istrument li jippermettu l-infurzar tagħhom ġew kontestati fl-Istat Membru applikant u l-awtorità applikanti ma tkunx speċifikatament talbet l-irkupru tat-talba kkontestata jew parti minnha;

[13] Art. 13 huwa intitolat "Eżekuzzjoni tat-talba għall-irkupru".

jew (b) jekk l-awtorità applikanti ma tkunx eżawriet ir-rimedji proċedurali fl-Istat Membru tagħha: Iżda (i) fejn id-debitur m'għandux attiv fl-Istat Membru applikant; jew (ii) l-attiv tad-debitur ma jkunux biżżejjed biex jagħmel tajjeb għat-talba b'mod sħiħ; u (iii) l-awtorità applikanti ġiet infurmata li d-debitur għandu attiv f'Malta; jew (iv) jekk tirrikorri għall-proċeduri fl-Istat Membru applikant, dan jagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati, l-awtorità applikanti tista' tissottometti talba lill-awtorità rikjesta mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura ta' rkupru fl-Istat Membru tagħha.[14] Rilevanti wkoll **Artikolu 13 tal-Liġi Sussidjarja** intitolat "*Limiti għall-Obbligi tal-Awtorità Rikjesta*" li jipprovdi illi l-Istat Membru rikjest Malti jista'[15] jirrifjuta li jagħti assistenza għal talba ppreżentata mill-awtorità applikanti għall-irkupru ta' taxxa jekk l-irkupru tat-talba, fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-debitur, joħloq diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji f'Malta jew jekk it-talba għall-assistenza għandha x'taqsam ma' talba li kienet dovuta fl-Istat Membru applikant ħames snin qabel id-data tat-talba inizjali. Dwar il-ħames snin imsemmija dan l-artikolu jkompli jipprovdi illi:

> "Izda meta t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant huma kkontestati, il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin għandu jibda jiddekorri mid-data meta jiġi stabbilit fl-Istat Membru li t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar ma jistgħux jiġu aktar ikkontestati[16]"

[14] Art. 9 (4) L.S. 460.08
[15] Sottolinear ta' din il-Qorti
[16] Sottolinear ta' din il-Qorti

48. Il-provvedimenti rilevanti tal-liġi sussidjarja, b'mod partikolari t-terminu ta' ħames snin hemm kontemplat, huma traspożizzjoni fidila ta' dak li jipprovdi **Artikolu 18 tad-Direttiva**:

> "1. L-awtorità rikjesta m'għandhiex tkun obbligata li tagħti l-assistenza prevista fl-Artikoli 10 sa 16 jekk l-irkupru tat-talba, minħabba s-sitwazzjoni tad-debitur, jikkawża diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji fl-Istat Membru rikjest, sa fejn il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat Membru jippermettu tali eċċezzjoni fil-każ ta' talbiet nazzjonali.
>
> 2. L-awtorità rikjesta m'għandhiex tkun obbligata tagħti l-assistenza prevista fl-Artikoli 5 u 7 sa 16, jekk it-talba inizjali għal assistenza skont l-Artikoli 5, 7, 8, 10 jew 16 issir fir-rigward ta' talbiet li jkunu ilhom aktar minn ħames snin, mid-data dovuta tat-talba fl-Istat Membru applikanti sad-data tat-talba inizjali għal assistenza.
>
> Madankollu, f'każijiet fejn it-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jiġu kkontestati, il-perijodu ta' ħames snin għandu jitqies li jibda mill-mument meta jiġi stabbilit fl-Istat Membru applikanti li t-talba jew l-istrument li jippermetti l-infurzar ma jistax jiġi kkontestat aktar.[17]
>
> […]
>
> 4. L-awtorità rikjesta għandha tgħarraf lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet għaliex tkun ċaħdet xi talba għal assistenza."

49. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, il-perijodu ta' ħames snin imsemmi fid-Direttiva ma hux terminu ta' preskrizzjoni. Rilevanti f'dan ir-rigward dak miżmum mis-**Sezzjoni Unita tal-Cassazione Italiana** f'sentenza tat-13 ta' Diċembru, 2023[18]:

> "In tema di recupero del credito tributario di altro stato dell'Unione europea, la disciplina sulla mutua assistenza prevista dal d.lgs. n. 149 del 2012 - attuativo della Direttiva 2010/24/UE - comporta che, una volta formatosi il titolo uniforme per l'esecuzione in un altro Stato membro, il decorso di un quinquennio dalla data di esigibilità del

[17] Sottolinear ta' din il-Qorti
[18] Sez. U, Ordinanza n. 34981 del 13/12/2023 (Rv. 669660 - 05)

> credito nello Stato richiedente non determina alcuna decadenza o prescrizione, verificandosi unicamente il venir meno dell'obbligo dello Stato italiano di prestare assistenza in favore del diverso Stato membro richiedente.”

50. Però din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata meta ġiet sabiex tapplikah għall-fattispecie tal-każ odjern. **Huwa terminu li jekk jiddekorri bil-mod kif kontemplat fid-Direttiva u fil-Liġi Sussidjarja, jagħti diskrezzjoni lill-Awtorità Rikjesta Maltija, f’dan il-każ l-appellant Kummissarju, jekk jagħtix jew le l-assistenza tiegħu. Isegwi illi jekk tali terminu ma jkunx iddekorra l-awtorità rikjesta Maltija hija fid-dover statutorju li tagħti l-assistenza kollha tagħha lill-awtorità applikanti.**

51. Terġa’ u tgħid, anke jekk jiddekorru l-ħames snin bejn id-data li fiha t-taxxa tkun dovuta fl-Istat Membru applikant u d-data tat-talba inizjali għall-assistenza lill-Istat Membru rikjest, <u>tibqa’ fid-diskrezzjoni assoluta tal-awtorità rikjesta Maltija jekk tassistiex jew le.</u> <u>Tali diskrezzjoni ma hiex tal-Qorti imma tal-Kummissarju tat-Taxxi,</u> kif delegat mill-Ministru tal-Finanzi. Isegwi minn dan illi ma kienx fil-kompetenza tal-Ewwel Qorti li tindaga u tispekula għalfejn fis-sena 2021 l-awtorità fiskali Tesdeska kienet qed titlob taxxa għas-snin 2014 sa 2018. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu varji u leġittimi mingħajr ma għandhom iqanqlu xi suspetti ta’ abbuż mill-proċedura kif donnu għaddilha minn rasha l-Ewwel Qorti. Dan narawh iseħħ anke fix-xena lokali meta *taxpayer* jonqos għal numru ta’ snin milli

jippreżenta t-*tax returns* bil-Kummissarju jkun kostrett jagħmel eżerċizzju ta' assessjar mifrux fuq numru ta' snin għall-finijiet ta' stima tat-taxxa (*tax assesement*). (ara b'eżempju **Steward Malta Management Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi** - Prim'Awla - 5 ta' Lulju, 2023).

52. L-Awtorità Applikanti Tedeska ddikjarat fuq il-Formola simili għal Skeda Ħamsa tal-liġi sussidjarja illi "Date of establishment of the claim" hija t-28 ta' Ġunju, 2021 filwaqt li "Date on which enforcement becomes possible" hija s-6 ta' Lulju, 2021. Mid-dokument anness mar-rikors tal-appell issa ġie kkonfermat li verament is-soċjetà konvenuta kienet ikkontestat it-talba tal-awtorità fiskali Tedeska quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiż. Nafu wkoll illi dik il-kontestazzjoni ġiet intavolata quddiem il-*Hessian Tax Court* fis-6 ta' Awwissu, 2021 u eventwalment ċeduta fil-11 ta' Jannar, 2023, disa' xhur qabel ma ngħatat is-sentenza appellata.

53. Tajjeb jiġi wkoll rilevat illi d-data tat-28 ta' Ġunju 2021 indikata fuq il-Istrument Uniformi mibgħut mill-awtorità applikanti lill-awtorità rikjesta Maltija referibbli għall-*claims* kollha u eventwalment ippreżentat mar-rikors promotur, ma kinitx ġiet ikkontestata mis-soċjetà konvenuta bħala li ma hiex veritiera imma laqgħet għat-talba tal-Kummissarju billi *inter alia* ddikjarat li t-talba għall-ħlas tat-taxxa kienet qed tiġi kontestata fil-Ġermanja.

**54. F'dawk iċ-ċirkostanzi ma jirriżultax lil din il-Qorti illi kien hemm raġuni għaliex l-Ewwel Qorti qieset b'suspett dawn id-dati. Isegwi għalhekk illi bejn id-data li fiha l-ammont dovut ġie stabbilit mill-awtorità fiskali Tedeska u d-data tat-talba tal-awtorità applikanti lill-awtorità rikjesta, l-ebda terminu ta' ħames snin ma ddekorra.**

55. Imma anke jekk għas-saħħa tal-argument biss din il-Qorti kellha, bħall-Ewwel Qorti, tqis inveritieri d-dati indikati mill-Awtoritajiet Tedeski, dawk id-dati ma kellhom l-ebda rilevanza tenut kont illi b'ammissjoni tas-soċjetà konvenuta stess hija kienet qed tikkontesta quddiem il-Qrati Tedeski l-ammonti minnha reklamati mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan għaliex skont **Artikolu 18 (2) tad-Direttiva:** "Madankollu, f'każijiet fejn it-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jiġu kkontestati, il-perijodu ta' ħames snin għandu jitqies li jibda mill-mument meta jiġi stabbilit fl-Istat Membru applikanti li t-talba jew l-istrument li jippermetti l-infurzar ma jistax jiġi kkontestat aktar." L-istess jingħad f'**Artikolu 13 (1) tal-Liġi Sussidjarja:** "Izda meta t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikant huma kkontestati, il-perjodu ta'preskrizzjoni ta' ħames snin għandu jibda jiddekorri mid-data meta jiġi stabbilit fl-Istat Membru li t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar ma jistgħux jiġu aktar ikkontestati."

56. Kif rajna, il-kontestazzjoni quddiem il-Qrati Ġermaniżi tressqet bħala waħda mill-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, senjatament ir-raba' eċċezzjoni: "... it-talba jew l-istrument li jippermettu l-infurzar tagħhom ġew kontestati fl-Istat Membru applikant u l-awtorità applikanti ma talbitx speċifikatament l-irkupru tat-talba kontestata jew parti minnha".

57. Ladarba skont is-soċjetà konvenuta stess kien hemm kontestazzjoni pendenti fil-ġurisdizzjoni Ġermaniża, it-terminu ta' ħames snin lanqas biss beda jiddekorri.

58. Però dan kollu qed jingħad għas-saħħa tal-argument biss; għaliex il-konsiderazzjoni prinċipali ta' din il-Qorti tibqa' li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tissindika d-diskrezzjoni li għandu l-Kummissarju tat-Taxxi bis-saħħa tal-Liġi Sussidjarja li traspostat id-Direttiva. Id-diskrezzjoni mogħtija bid-Direttiva u bil-Liġi Sussidjarja lill-awtorità rikjesta hi mogħtija kjarament lill-Awtoritajiet Fiskali rikjesti u mhux lill-Qrati tal-Istati Membri tal-awtorità rikjesta. Il-kompitu tal-qrati huwa limitat li jassiguraw li r-rekwiżiti imposti bid-Direttiva huma osservati; rekwiżiti illi aktar għandhom x'jaqsmu mal-formalitajiet milli mal-mertu tar-rikjesti. Dan għaliex kif sew id-Direttiva kif ukoll il-Liġi Sussidjarja jistipulaw illi kwalunkwe kontestazzjoni dwar l-ammont reklamat kif ukoll dwar l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest <u>għandha ssir quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità applikanti u mhux quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità</u>

rikjesta. (**Artikolu 14 tad-Direttiva; Artikolu 12 (2) tal-Liġi Sussidjarja**). Hekk ġara f'dan il-każ tant li mid-dokument anness mar-rikors tal-appell irriżulta wkoll illi dik il-kontestazzjoni istitwita mis-soċjetà konvenuta quddiem il-*Hessian Tax Court* ġiet irtirata fil-11 ta' Jannar, 2023 meta l-proċeduri kienu għadhom pendenti quddiem l-Ewwel Qorti. Kif inżamm f'sentenza oħra tas**-Sezzjoni Unita tal-Cassazione Italiana** mogħtija fit-13 ta' Diċembru, 2023[19] inżamm illi:

> "In tema di riscossione di crediti fiscali di Stati membri dell'UE, in virtù del sistema di reciproca assistenza delineato dal d.lgs. n. 149 del 2012 - di attuazione della Direttiva 2010/24/UE - sussiste la giurisdizione italiana qualora venga contestata la regolarità formale degli atti della sequenza procedimentale svolta in Italia, mentre la giurisdizione appartiene allo Stato nel quale è sorta l'obbligazione tributaria con riferimento alle questioni inerenti all'esistenza o all'ammontare del credito."

59. Il-QEĠ kellha okkażżjoni tagħti interpretazzjoni ta' **Artikolu 14 tad-Direttiva**, fis-sentenza **Eamonn Donnellan v. The Revenue Commissioners** mogħtija fis-26 ta' April, 2018, dwar referenza mill-High Court tal-Irlanda għal deċiżjoni preliminari:

> "44. Filwaqt li d-Direttiva 2010/24 ma tagħtix lill-istanzi tal-Istat Membru rikjest setgħa sabiex jikkontrollaw l-atti tal-Istat Membru applikant, hija tillimita espressament, fl-Artikolu 14(2) tagħha, is-setgħa ta' kontroll minn dawn l-istanzi tal-atti tal-Istat Membru rikjest.
>
> 45. Għalkemm, ċertament, l-atti adottati mill-Istati Membri skont sistema ta' assistenza reċiproka stabbilita mid-Direttiva 2010/24 għandhom ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, fosthom id-dritt għal rimedju effettiv iddikjarat fl-Artikolu 47 tal-Karta, bl-ebda mod ma jirriżulta li l-atti tal-Istat Membru applikant għandhom ikunu jistgħu jiġu kkontestati kemm quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru kif ukoll quddiem dawk tal-Istat Membru rikjest. Għall-

[19] Sez. U, Ordinanza n. 34981 del 13/12/2023 (Rv. 669660 - 04)

> kuntrarju, sa fejn din is-sistema ta' assistenza tibbaża lilha nnifisha, b'mod partikolari, fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, hija tippermetti li tiġi miżjuda ċ-ċertezza legali fir-rigward tad-determinazzjoni tal-Istat Membru li fi ħdanu jiġi ttrattat ċertu tilwim u, b'hekk, li jiġi evitat il-forum shopping (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 79).
>
> 46. Għaldaqstant ir-rikors li l-persuna kkonċernata tippreżenta fl-Istat Membru rikjest biex tikkontesta t-talba ta' ħlas li ġiet indirizzata lilha mill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru għall-finijiet tal-irkupru tat-talba magħmula fl-Istat Membru applikant, ma jistax jagħti lok għal eżami tal-legalità ta' din it-talba
>
> 47. Min-naħa l-oħra, hekk kif diġà osservat il-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jiġi eskluż li l-awtorità rikjesta tista' b'mod eċċezzjonali, tiddeċiedi li ma tagħtix l-assistenza tagħha lill-awtorità applikanti. B'hekk, l-eżekuzzjoni tat-talba għal irkupru tad-dovut tista' tiġi rrifjutata b'mod partikolari jekk jirriżulta li din l-eżekuzzjoni tkun tali li tippreġudika l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih tinsab l-awtorità rikjesta (ara, fir-rigward tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 76/308, li għalih jikkorrispondi, essenzjalment, l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Kyrian, C-233/08, EU:C:2010:11, punt 42)"

60. In tema legali rilevanti wkoll is-sentenza tal-QEĠ fuq ċitata **Maksu-ja Tolliamet v. Heavyinstall OU** mogħtija fl-20 ta' Jannar 2021 li għalkemm kienet titratta talba għal miżuri kawtelatorji taħt id-Direttiva 2010/24, il-konsiderazzjonijiet tagħha huma rilevanti għall-mertu ta' dan l-appell:

> "Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-qrati tal-Istat Membru rikjest, li jiddeċiedu dwar talba għal miżuri kawtelatorji, humiex marbuta mill-evalwazzjoni dwar l-osservanza, fil-fatt u fid-dritt, tar-rekwiżiti imposti għall-applikazzjoni tal-imsemmija miżuri mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjedenti, meta din l-evalwazzjoni tkun tinstab fid-dokument previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1), mehmuż ma din it-talba, jew, bil-kontra ta' dan, jekk huma jistgħux iwettqu l-evalwazzjoni rispettiva tagħhom fid-dawl tad-dritt nazzjonali tagħhom.
>
> F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni

mhux biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tifforma parti (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, ratiopharm, C-786/18, EU:C:2020:459, punt 28)

[…]

L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24 jipprevedi tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn l-istanzi tal-Istat Membru rikjedenti u dawk tal-Istat Membru rikjest sabiex jiddeċiedu dwar tilwimiet dwar, minn naħa, il-kreditu, l-istrument inizjali li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri eżekutorji fl-Istat Membru rikjedenti, l-istrument uniformi li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri eżekutorji fl-Istat Membru rikjest jew il-validità ta' notifika mwettqa minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjedenti u, min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' eżekuzzjoni adottati fl-Istat Membru rikjest jew il-validità ta' notifika mwettqa minn awtorità kompetenti ta' dan tal-aħħar. Dan it-tqassim ta' ġurisdizzjoni huwa korollarju tal-fatt li l-kreditu u l-istrumenti li jippermettu l-eżekuzzjoni tal-irkupru tiegħu huma stabbiliti abbażi ta' dispożizzjonijiet legali fis-seħħ fl-Istat Membru rikjedenti, filwaqt li l-miżuri ta' eżekuzzjoni jiġu adottati fl-Istat Membru rikjest, konformement mad-dispożizzjonijiet tad-dritt applikabbli f'dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Metirato, C-695/17, EU:C:2019:209, punti 33 u 34)"

61. Huwa evidenti illi mill-atti li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha, hija kienet sprovvista mill-informazzjoni dwar jekk it-talba kinitx verament qed tiġi kontestata fil-Ġermanja, u wisq aktar kienet sprovvista mill-informazzjoni li tali kontestazzjoni kienet ġiet ċeduta.

62. Jibqa' l-fatt però illi ġialdarba il-proċeduri ta' kontestazzjoni fil-Ġermanja ġew ċeduti; ġiet eliminata kwalunkwe raġuni sabiex l-Istrument Uniformi ma jiġiex reġistrat. Dan naturalment tista' tgħidu din il-Qorti bil-benefiċċju tal-informazzjoni ġdida li ngħatat bid-dokument anness mar-rikors tal-appell, informazzjoni li kif rajna ma kinitx disponibbli quddiem l-Ewwel Qorti.

63. Madanakollu, dan it-terminu ta' ħames snin ma kellu jkun ta' l-ebda rilevanza lill-Ewwel Qorti għaliex anke jekk tali terminu ta' ħames snin kien iddekorra, il-Kummissarju tat-Taxxi xorta waħda jibqalu d-diskrezzjoni jekk jassistiex lill-awtorità estera jew le; diskrezzjoni li bl-ebda mod ma tista' tiġi sindakata mill-Qorti la skont id-Direttiva u wisq anqas skont il-Liġi Sussidjarja.

**64. Tilqa' għalhekk it-tieni aggravju, peress li qed issib illi ma kien hemm l-ebda raġuni valida sabiex l-Ewwel Qorti tirrifjuta li tirreġistra l-Istrument Uniformi anke għas-snin 2014-2015.**

**Decide.**

**Għar-raġunijiet** fuq mogħtija din il-Qorti qed tilqa' l-appell, tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha sa fejn ċaħdet it-talbiet attriċi referibbli għas-snin 2014-2015, u minflok tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrumenti Uniformi kollha għas-snin 2014-2018.

**Bl-ispejjeż** kontra s-soċjetà appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da